


*Il-Malti 1/LXXIl Ottubru 1998*

# BIBLIJOGRAFIJA

# TAR-RIVISTA

## *IL-MALTI*
## (1970-1999)

NOEL CACHIA




*Il-Malti LXXlIl Ottubru 1999*

Teżi mressqa lill-Fakultà ta' l-Arti bħala parti mix-xogħol
għall-Grad ta' Baċellerat ta' l-Arti (bl-Unuri) fl-Università ta' Malta. (2004)

---

**DAĦLA**

Biblijografija hi l-ġabra tal-kotba jew ta' l-istudji u l-bqija fuq suġġetti partikolari, jew fuq awtur jew awturi partikolari. Din tiggwida lir-riċerkatur sabiex ifittex dwar il-qasam partikolari li jkollu interess fih.

Sfortunatament f'Malta hawn nuqqas ta' biblijografiji. Għalhekk iddeċidejt li bħala teżi nagħmel biblijografija. Il-fatt li ngħatajt iċ-ċans biex nagħmel il-biblijografija tar-rivista *Il-Malti*, aktar ħeġġiġni nidħol għal dan ix-xogħol.

Fuq din ir-rivista, Angela Fenech kienet ressqet analiżi siewja sas-sena 1969. Jiena komplejt l-analiżi b'metodu differenti sa l-1999.

Ix-xogħol huwa maqsum fi tliet kapitli. L-ewwel u t-tieni wieħed jikkonsistu fi klassifikazzjoni skond l-awtur u skond it-tema rispettivament. It-tielet kapitlu jħaddan analiżi kritika tax-xogħlijiet ewlenin. L-ispjegazzjoni meħtieġa tal-metodi li addattajt, nagħtiha fl-introduzzjonijiet tal-kapitli rispettivi.

Nittama li din it-teżi tkun utli ħafna għal min irid jirriċerka u jagħmel referenza, kif ukoll tagħti gost lil min jaqraha daqskemm ħadt gost niktibha jiena.

---

## KLASSIFIKA SKOND L-AWTUR:

### INTRODUZZJONI

Qabel ma ngħaddi biex nispjega l-klassifikazzjoni skond l-awtur, infakkar li din il-biblijografija hija tkomplija ma' dik li ġiet imressqa minn Angela Fenech sas-sena 1969.[1] Għaldaqstant jiena komplejt din l-analiżi mis-sena 1970 sas-sena 1999 iżda b'metodu differenti.

**Il-klassifika skond l-awtur hija l-qofol ta' din il-biblijografija**. Dan għaliex tinkludi t-tagħrif bażiku. Minbarra l-awturi u l-ġeneri, li t-tnejn qegħdin f'ordni alfabetika, din it-taqsima ta' l-ewwel kapitlu tinkludi wkoll it-titlu, it-tema, il-ħarġa tar-rivista, u l-paġni fejn jinsab il-kontenut li jikkorrispondi mat-titlu.

### SISTEMA TA' CODES

Sabiex it-teżi ma tidhirx twila żżejjed u biex niffranka xi ftit taż-żmien ukoll ħsibt li nuża sistema ta' *codes*. Peress li *Il-Malti* f'ċertu żmien kien joħroġ kull tliet xhur, jiġifieri f'Marzu, f'Ġunju, f'Settembru, u f'Diċembru, jiena ħadt l-ewwel ittra ta' kull xahar biex tirrappreżenta x-xahar sħiħ. Għalhekk:

(M) = Marzu (Ġ) = Ġunju (S) = Settembru (D) = Diċembru.

Wara kull ittra wieħed isib is-sena tal-ħarġa, jiġifieri:

M 73 li tfisser il-ħarġa ta' *Il-Malti* ta' Marzu 1973.

Iżda l-Malti ma baqax joħroġ regolarment. Xi drabi ħareġ darba jew aktar f'sena u drabi oħra ma ħareġ xejn. Għaldaqstant kelli nuża xi *codes* oħrajn:

(J) = Jannar (O) = Ottubru
(1/2) = L-ewwel u t-tieni ktieb
(3/4) = It-tielet u r-raba' ktieb.

Eżempji ta' dawn huma:
(J-Ġ 84) li tfisser ħarġa waħda bejn Jannar u Ġunju 1984. Għaldaqstant (Ġ-D 73) tfisser ħarġa waħda bejn Ġunju u Diċembru 1973.
(O 99) tfisser ħarġa waħda f'Ottubru 1999 u li inzertat l-unika waħda għal dik is-sena. Għaldaqstant (S 97) tfisser il-ħarġa għal Settembru 1997.

[1] Fenech, A., *Analiżi tar-Rivista Il-Malti 1925-1969* (Teżi mhux ippubblikata u mressqa lill-Fakultà ta' l-Arti fl-Università Rjali ta' Malta għall-grad ta' B.A. (Hons) fil-Malti 1974).

(1/2 85) u (3/4 85) ifissru l-ewwel u t-tieni ktieb u t-tielet u r-raba' ktieb għas-sena 1985 rispettivament. Għaldaqstant (M/Ġ 72) tfisser ħarġa waħda għax-xhur ta' Marzu u Ġunju 1972 minflok żewġ ħarġiet kif kien isir regolarment. Dawk il-ħarġiet fejn ma jindikawx ix-xahar jiena ħadt is-sena. Eżempju: Sena 87.

Minbarra dan hemm ukoll il-paġni li jistgħu jkunu indikati bħala (p. 1-3), (p. 19/20). Ta' l-ewwel ifisser li l-artiklu konċernat jibda minn paġna wieħed u jkompli sa paġna tlieta u tat-tieni jfisser li l-artiklu jibda minn paġna dsatax u jkompli f'paġna għoxrin. L-istess tifsir japplika wkoll għal xi paġni b'numri Rumani.

Ħafna mill-awturi kitbu aktar minn artiklu wieħed. F'dan il-każ dak l-artiklu li nkiteb f'ħarġa bikrija jiġi qabel dak li nkiteb f'ħarġa reċenti. Għalhekk artiklu li nkiteb f'Marzu 1973 (M 73) jiġi qabel dak li nkiteb f'Settembru 1973 (S 73). Dan l-eżempju huwa ta' l-ewwel u t-tieni artiklu ta' Cachia Pawlu f'paġna 58.

Xi drabi l-istess awtur kiteb aktar minn artiklu wieħed fl-istess ħarġa. F'dan il-każ dak l-artiklu li l-aktar ikun fil-bidu tal-ħarġa jidher qabel. Għalhekk l-artiklu li jidher f'paġna 7 fil-ħarġa ta' Marzu 1977 (M 77 p. 7), jiġi qabel dak li jidher fil-paġni 31-32 ta' l-istess ħarġa (M 77 p. 31-32). Għal dan l-eżempju ara fejn hemm ix-xogħlijiet ta' Ġużè Diacono.

Iżda kultant xi kittieba kitbu aktar minn poeżija waħda fl-istess paġna. Dan jgħodd ukoll għall-versi, għall-ħajku, għat- tanka, għal-limerikki u għall-epigrammi. F'dan il-każ dak il-materjal li nkiteb l-aktar 'il fuq tal-paġna jiġi qabel fil-klassifikazzjoni skond l-awtur. Fejn in-numru jew isem ta' xi tanka, ħajku, epigramm u l-bqija mhux mogħti, jiena ħadt l-ewwel vers jew parti minnu bħala titlu. Eżempji ta' dawn huma l-ħajku u t-tanka ta' Nicholas Borg Manwel u l-ħames limerikki ta' Caruana Vincent.

Qabel kull titlu tajt numru li kull min jirriċerka mil-lenti tat-tieni kapitlu jrid jirreferi għalih. Iżda dan nispjegah aħjar fl-introduzzjoni tat-tieni kapitlu, jiġifieri fil-klassifikazzjoni skond it-temi tal-ġeneri.

**A - C**

1 A. A. M.
2 Abela, Ġużi
3 Agius, Mario
4 Agius Muscat, Anton
5 Agius, Mikiel
6 Anon.
7 Apap, Vic.
8 Aquilina, Ġużè
9 Aquilina, Pawlu
10 Attard, Anton F.
11 Attard, Emanuel F.
12 Attard, Emanuel P.
13 Attard, Josette
14 Aveta, Clementine
15 Azzopardi, Ġer.
16 Azzopardi, J. S.J.
17 Azzopardi, Mario
18 Azzopardi, Roman
19 Baldacchino, Kalċidon
20 Baldacchino, Patri Frans.
21 Barbara, Val. V., O.P.
22 Bezzina, Mario F.
23 Borg, Albert J.
24 Borg, Ġorġ
25 Borg, Olivier
26 Borg, Paul P.
27 Born, Pat. A.43
28 Bovingdon, Rigu
29 Bovingdon, Rodrig
30 Briffa, Charles
31 Briffa, Rużar
32 Buhagiar, Spiro
33 Buontempo, Amante
34 Busuttil, E. D.
35 Busuttil, V.
36 Buttigieg, Anton
37 Buttigieg, Bro. Michael
38 Buttigieg, John
39 Cachia, Mons. Lawrence
40 Cachia, Pawlu
41 Calleja, Carmel
42 Calleja, Pawlu
43 Camilleri, Dun Frans
44 Camilleri, J. J.
45 Cardona, Ġużè
46 Caruana Demajo, G.
47 Caruana Dingli, Noel
48 Caruana, Peter A.
49 Caruana, Vincent
50 Cassar, Manwel
51 Cassar Pullicino, Ġ.
52 Cassola, Albert M.
53 Cauchi, Carmel G.
54 Chetcuti, Ġorġ
55 Chetcuti, Ġużè
56 Cilia, Ġanni A.
57 Coleiro, Charles
58 Cortis, Jane
59 C. S.

**D - M**

60 Degabriele, Alfred
61 Delia, Ġużè
62 Diacono, Ġużè
63 DIM.
64 Doublesin, George
65 E. D.
66 Ellul Galea, Alfred
67 Ellul Galea, Karmenu
68 Ellul Vincenti, Norbert
69 F. D.
70 Fenech, Rev. P. Dwardu
71 Fenech, Karm S.J.
72 Fenech, Victor
73 Flores, Charles
74 Freller, Thomas
75 Friggieri, Joe
76 Friggieri, Oliver
77 Fsadni, Patri Mikiel
78 G.
79 Galea Curmi, P
80 Galea, Ġużè
81 Galea, Patri Pawl
82 Galea Scannura, Charles
83 Gatt, Rosanne
84 G. C.
85 G. G.
86 Ghigo, J.M. S.J.
87 Gulia, Wallace Ph.
88 G. |. A.
89 Harding, WM. D.
90 *Ilario*
91 J. F. P.
92 J. S.
93 J.Z.C.
94 Kilin
95 K. M.
96 M.
97 M.A.
98 Mahoney, Ray
99 Mallia, Hugh A.
100 Mamo, Sir Anthony J.
101 Mangion, F. X.
102 Mangion, Joe
103 Mangion, Stanley
104 Marshall, Albert
105 Massa, Alfred
106 Massa, Daniel
107 M. B.
108 Micallef, Daniel
109 Micallef, Doreen
110 Mifsud, Charles
111 Mifsud Chircop, Ġorġ
112 Mifsud, Francis P.
113 Mifsud, Franz
114 Mifsud, Ġorġ
115 Mifsud, Manwel
116 Mifsud, Pawlu
117 Mintoff, Dijonisju
118 Mizzi, Achille
119 Mizzi, Fortunato
120 Mizzi, Lawrence
121 Muscat Azzopardi, Ġino

**N - Z**

122 Nicholas Borg, Manwel
123 Pamiża
124 P. D. F.
125 Pellegrini, V. M.
126 Peresso, Ġorġ
127 Pickard, Ethel
128 Pisani, Ġorġ
129 P. O. P.
130 Previ, Alfred M.
131 Psaila, Dun Karm
132 Quintano, Lawrence
133 Saliba, Joe
134 Sammut, Frans
135 Sant, Dun Karm
136 Schembri, Ġakkin
137 Schiavone, L.
138 Sciberras, Joseph
139 Sciberras, Lilian
140 Sciberras, Philip
141 Serracino Inglott, Erin
142 Serracino Inglott, Peter
143 S. F.
144 Spiteri, Rose
146 T
147 Thake, Charles
148 Theuma, P. P.
149 Vassallo, J. P.
150 Vassallo, Karmenu
151 Vella Apap, Dun Nikol
152 Vella Haber, Kelinu
153 Vella, Joe
154 Vella, J. P.
155 V. X.
156 W. P. G.
157 Xuereb, Pawlu
158 Xuereb, Victor S.J.
159 XXX.
160 XYZ.
161 Z. A.
162 Zahra, Trevor
163 Zahra, Walter
164 Zammit Ciantar, Joe
165 Zammit, George
166 Zammit Mangion, Joe
167 Zammit Tabona, J.
168 Zarb Adami, Godfrey
169 Zarb Adami, Victor
170 Zarb, Dwardu
171 Zarb, Miriam
172 Zarb, Prof. Patri Serafin O.P.
173 Z. M.

**RADD TA' ĦAJR**

*B'mod partikolari nixtieq nirringrazzja minn qalbi lil Dr. Charles Briffa B.A.(Hons), Dip Ar., M.A., Ph.D (UM) li dejjem kien lest li jgħinni u jiggwidani b'dedikazzjoni u b'paċenzja kbira. Żgur li mingħajr l-għajnuna u s-suġġerimenti tiegħu dan ix-xogħol qatt ma kien jiġi mwettaq. Ukoll lill-Professur Oliver Friggieri B.A. (Gen), M.A., Ph.D, D.Litt (Roma), il-Kap tad-Dipartiment tal-Malti, ta' l-għajnuna li tani u ta' l-interess li dejjem ħa fija. Flimkien ma' dawn nirringrazzja lill-għalliema kollha li għallmuni f'dawn it-tliet snin.*

*Biex stajt nikteb din it-teżi kelli nirreferi għar-rivista Il-Malti fil-biblijoteka Nazzjonali tal-Belt kif ukoll f'dik ta' l-Università. Għalhekk nixtieq inrodd ħajr lil-librara prinċipali u l-istaff kollu ta' dawn iż-żewġ biblijoteki.*

*Nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzja lill-Patri Joseph Ellul O.P., u lis-Sinjuri Stephen Cachia, Stephen Lughermo, Clint u Colin Mizzi ta' l-għajnuna li tawni. Nirringrazzja wkoll lill-għeżież ommi u missieri, lill-familjari u lill-ħbieb tiegħi kollha, tal-kuraġġ li dejjem għamluli biex stajt nasal fejn wasalt.*

NC/2004